**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 14 ta' Frar 2022**

**Rikors Nru. 765/2018 GM**

**Joel Caruana (K.I. 88591M)**

**vs**

**Malta Freeport Terminals Limited (C – 27581);**
**u Transport Malta u Malta Dockers Union kjamati fil-kawża**
**permezz ta' provvediment tad-9 ta' Ottubru 2018.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Joel Caruana li permezz tiegħu wara li jippremetta illi :

> Ilu mis-sena 2010 jippresta s-servizzi tiegħu bħala Casual Port Worker lis-soċjeta' intimata Malta Freeport Terminals Limited tramite u bis-saħħa ta' ftehim milħuq bejn il-Malta Freeport Terminals Limited u l-Malta Dockers Union, magħruf bħala Service Level Agreement (DOK A)[1].

[1] "Il-Ftehim"

Il-Malta Dockers Union tipprovdi u talloka l-ħaddiema, fosthom lill-attur qua *casual port worker* lis-soċjeta` intimata Malta Freeport Terminals Limited a bażi tal-imsemmi 'service Level Agreement' illi jissussisti bejn dawn iż-żewġ entitajiet, liema ħaddiema, fosthom l-attur, jiġu hekk ipprovduti skont l-eżiġenzi tax-xogħol fil-Freeport minn żmien għal żmien minn fost il-membri tagħha u liema membri għandhom ix-xogħol tagħhom garantit bis-saħħa tas-*Service Level Agreement*.

F'okkażjoni minnhom, f'Awwissu 2015 meta l-esponent kien - kif allokat mill-Malta Dockers Union kif fuq premess - qed jirraporta għax-xogħol fuq is-sit tas-soċjeta` intimata, huwa ma ngħatax aċċess għall-istess sit mis-security officers tal-istess soċjeta' intimata, b'dan illi kien impossibbli għalih illi jippresta s-servizzi tiegħu.

Irriżulta illi s-suespost seħħ in segwitu għal ordni mogħtija mis-soċjeta` intimata illi tat ordni sabiex l-esponent ma jingħatax aċċess għas-sit kif fuq indikat, b'dan illi kien twaħħal saħansitra ritratt tal-istess esponent fil-kaxxa tal-uffiċjal tas-sigurta` illi kien waqqaf lill-esponent hawn imsemmi milli jidħol fil-post in kwistjoni.

Fl-istess żmien illi fih seħħ l-inċident su-riferit, l-esponent kien għaddej minn proċedura kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema proċedura eventwalment wasslet fit-tmiem tagħha sentejn wara, fit-22 ta' Awwissu 2017, meta ngħatat is-sentenza relattiva u l-imsemmi esponent ġie lliberat (kopja informali hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B).

Minn Awwissu 2015 sad-data fuq indikata illi fiha ġiet konkluża l-kawża su-riferita – ċioe` sat-22 ta' Awwissu 2077 - is-soċjeta` intimata ppersistiet bir-rifjut da parti tagħha illi takkorda aċċess lill-esponent għall-post tax-xogħol tiegħu, b'dan illi għal sentejn sħaħ kien reż impossibbli għall-istess esponent illi jippresta s-servizzi tiegħu skont il-kuntratt ta' servizz bejn il-Malta Dockers Union u s-soċjeta` intimata u jaqla' l-għixien tiegħu.

Minkejja diversi protesti sabiex jieqaf dan l-aġir, is-soċjeta` intimata baqgħet tippersisti fl-aġir illeċitu tagħha u baqgħet tirreka dannu lill-esponent.

Unikament bħala konsegwenza ta' dan l-aġir abbużiv, illegali u illeċitu da parti tas-soċjeta` intimata, l-esponent sofra danni konsistenti fit-telf ta' introjtu u qligħ, kollox kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża.

Interpellata diversi drabi sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u l-eventwali ħlas tad-danni hekk sofferti mill-esponent kif fuq premess, u dan permezz ta' korrispondenza legali u kif ukoll tal-Ittra Uffiċjali Numru 819/18 datata d-9 ta' Marzu 2018, is-soċjeta` intimata baqgħet inadempjenti.

Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta` intimata Malta Freeport Terminals Limited hija unikament responsabbli għad-danni sofferti mill-esponent Joel Caruana bħala konsegwenza tal-aġir abbużiv, illegali u illeċitu da parti tal-istess soċjeta` intimata fil-konfront tiegħu, kif fuq premess; u

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti konsegwenza tal-aġir tas-soċjeta` intimata kif fuq premess, occorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi; u

3. Tikkundanna lis-soċjeta` intimata sabiex tħallas lill-esponenti dik is-somma tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti favur tiegħu in linea ta' danni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Malta Freeport Terminals Limited (C - 27581) ("MFT") li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. It-talbiet attriċi huma preskritti a bażi tal-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. MFT m'għandha ebda relazzjoni mal-attur u kwindi mhijiex leġittimu kuntradittur u qiegħda tikkjama in kawża lil Transport Malta u l-Malta Dockers Union.

3. MFT dejjern ottemporat ruħha mal-liġi u ma naqset mill-ebda obbligu tagħha u kwindi ma tistax tinżamm responsabbli għall-allegati danni.

4. MFT dejjem ottemporat ruħha mal-ftehim li hija għamlet mal-Malta Dockers Union datat 3 ta' Mejju 2010 u ma naqset mill-ebda obbligu tagħha u kwindi ma tistax tinżamm responsabbli għall-allegati danni.

5. L-attur irid jipprova l-allegati danni sofferti minnu.

In sostenn ta' dawn l-eċċezjonijiet, MFT tiddikjara:

1. L-attur huwa casual port worker;

2. Is-soċjeta` intimat qatt ma qabbdet lill-attur sabiex jippresta servizz fil-Malta Freeport Terminals;

3. Hija prerogattiva tal-istess Malta Freeport Terminals Limited li tiddeċiedi minn huwa awtorizzat jidħol fis-siti amminstrati minnha.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-kjamata in kawża, l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta ("TM") li permezz tagħha eċċepiet illi:

1. Mhijiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet li qed isiru f'din il-kawża u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Dan għaliex *casual port workers* jew, biex wieħed juża t-terminu legali, *auxiliary port warkers* bħalma huwa Joel Caruana mhux biss mhumiex liċenzjati minn u reġistrati ma', jew inkella impjegati tal-Awtorita`, iżda, ai termini tal-Artiklu 15A tar-Regolamenti tal-Ħaddiema tal-port, huma impjegati mill-"prinċipali tal-ħaddiema tal-port" (f'dan il-każ Malta Freeport Terminals Limited) skont Ftehim dwar il-Livelli ta' servizz (Service Level Agreement) milħuq mar-rappreżentanti ta' ħaddiema tal-port (f'dan il-każ il-Malta Dockers Union).

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorita' kjamata in kawża lanqas tista' titqies leġittimu kontradittur għall-operat tat-terminal tal-Freeport, u dan għaliex tali operat, inklużi l-miżura ta' sigurta' u min jista' jitħalla jidħol fit-terminal jaqgħu prettament fil-mansjonijiet u d-diskrezzjoni tal-Malta Freeport Terminals Limited.

3. TM ma wettqet ebda att illecitu fil-konfront tal-attur u għalhekk ma tista' b'ebda mod titqies responsabbli għal xi danni.

4. F'kull każ, id-danni allegati jeħtieġ illi jiġu pruvati.

Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artikolu 158 (3)( ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

1.1 L-Awtorita' kjamata in kawża mhijiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet li qed isiru f'din il-kawża u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

1.2 Jingħad qabel xejn illi *casual port workers* jew, biex wieħed juża t-terminu legali *auxiliary port workers*, bħalma huwa Joel Caruana mhux biss mhumiex liċenzjati minn u reġistrati ma', jew inkella impjegati tal-Awtorita`, iżda, ai termini tal-Artiklu 15A tal-Regolamenti tal-Ħaddiema tal-port, huma impjegati mill-"prinċipali tal-ħaddiema tal-port" (f'dan il-każ Malta Freeport Terminals Limited) skont Ftehim dwar il-Livelli ta' Servizz (Service Level Agreement) milħuq mar-rappreżentanti ta' ħaddiema tal-port f' dan il-każ il-Malta Dockers Union).

1.3 Fil-qosor, fil-fatt, jingħad illi l-imsemmi Artiklu 15A jippermetti illi, jekk ma jkunx hemm ħaddiema tal-port, jew ħaddiema prospettivi tal-port disponibbli, dawn jistgħu jimpjegaw ħaddiema "awżiljarji', li jkunu regolati minn *Service Level Agreement*. Fil-każ tal-Freeport, jeżisti *Service Level Agreement* bejn il-konvenuta u l-Malta Dockers Union illi jirrikonoxxi li jistgħu jintużaw ħaddiema tal-port awżiljarji biex jaqdu d-doveri ta' xufiera u li jiġu hekk regolati permezz ta' dak il-Ftehim.

1.4 L-Awtorita' esponenti lanqas hija involuta almenu bħala amministratriċi ta' pagamenti, bħala huwa l-każ bil-ħaddiema tal-port reġistrati. Fil-fatt, ħlasijiet lill-*auxiliary port workers* huma ġestiti unikament mill-Malta Dockers Union. L-uniku rwol tal-Awtorita' b'rabta mal-*auxiliary port workers* huwa illi żżomm reġistru ta' persuna illi wettqu l-kors meħtieġ approvat

minnha ġewwa l-MCAST bħala istituzzjoni ta' taħriġ rikonoxxuta mill-Awtorita` esponenti.

2.1 Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorita' kjamata in kawża lanqas tista' titqies leġittimu kontradittur għall-operat tat-terminal tal-Freeport, u dan għaliex tali operat, inkluż il-miżura ta' sigurta' u min jista' jitħalla jidħol fit-terminal jaqgħu prettament fil-mansjonijiet u d-diskrezzjoni tal-Malta Freeport Terminals Limited.

3.1 Fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ma wettqet ebda att illeċitu fil-konfront tal-attur u għalhekk ma tista' b'ebda mod titqies responsabbli għal xi danni.

4.1 F'kull każ, id-danni allegati jeħtieġ illi jiġu pruvati.

4.2 Irid jiġu ppruvat ukoll il-quantum tal-istess danni.

*Ai termini* tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12, u fid-dawl tas-suespost, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati huma kontestati u jeħtieġ illi jiġu ppruvati.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-kjamata fil-kawża l-Malta Dockers Union ("MDU") li eċċepiet li:

1. Mhix leġittimu kontradittur.
2. Ma kkawżat l-ebda dannu lill-attur.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

Qrat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza

Ikkunsidrat:

**Fatti:**

L-attur kien jaħdem il-Freeport bħala ħaddiem awżiljarju. Kien jintbagħat għax-xogħol mill-MDU kull meta l-MFT kien ikollha bżonn xufiera, skont Ftehim li kien hemm bejn l-MDU u l-MFT. Bħala ħaddiem awżiljarju, l-attur kien self-employed kuntrarjament għal ħaddiem liċenzjat li mhux self-employed, li jiġi deployed minn Transport Malta u huwa impjegat magħha,[2] għalkemm il-ħlas tas-servizzi tiegħu jsir mill-MFT li tħallaslu wkoll parti mill-bolla ossia l-kontribuzzjoni tas-Sigurta` Nazzjonali.[3]

L-attur kellu proċeduri kriminali kontrih li ma kinux relatati max-xogħol tiegħu fil-Freeport. Fil-pendenza ta' dawn il-proċeduri ma tħalliex iktar jidħol jaħdem il-Freeport u dan fuq ordni tal-MFT, mingħajr ma ġie assoġġettat għal proċedura dixxiplinarja. Kuntrarjament għal dak li jallega l-attur, jirriżulta li kellu diversi proċeduri penali kontrih li nstab ħati f'uħud minnhom.

**Pretenzjoni tal-attur:**

Skont Para 1.1 tal-istess *Ftehim*, f'każ li n-numru ta' ħaddiema liċenzjati ma jkunx adegwat għall-ħtiġijiet tagħha, l-MFT kellha "tħaddem" ħaddiema oħrajn, fosthom ħaddiema tal-port awżiljarji "skont kif ikun miftihem ma' l-Union (l-MDU) biex jaqdu d-doveri ta' xufiera u li jiġu regolati skont il-provvedimenti ta' dan il-Ftehim".

---

[2] Ryan Pace a fol 178.
[3] Ryan Pace a fol 179.

L-attur kien ħaddiem awżiljarju li ntbagħat jaħdem il-Freeport mill-MDU, u għalhekk isostni li l-Ftehim japplika għalih, inkluż il-mod kif seta' jiġi impedut milli jaħdem hemmhekk. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu[4], jisħaq li għalkemm huwa ddikjarat bħala self-employed, il-paga tiegħu, għalkemm rilaxxjata tramite fond ġestit mill-MDU permezz ta' ċekk f'isem l-Awtorita`għat-Trasport f'Malta ("l-Awtorita`") kienet tiġi mħallsa mill-MFT, u dan kif jirriżulta minn klawżola 1.1 (fuq imsemmija) u 12.2 (intitolat "Rati għal xogħol mhux normali") tal-Ftehim.

**Il-Pretenzjoni tal-attur:**

Il-premessi li fuqhom l-attur jibbaża t-talbiet tiegħu huma li huwa, bħala ħaddiem awżiljarju tal-port, kien jippresta s-servizzi tiegħu lill-MFT bis-saħħa ta' ftehim bejnha u l-MDU li permezz tiegħu l-MDU kienet tipprovdi u talloka l-ħaddiema lill-MFT u f'Awwissu 2015 l-MFT impedietu milli jidħol għax-xogħol minħabba proċeduri kriminali kontrih li minnhom sussegwentement ġie lliberat; li dan huwa aġir abbużiv, illegali u illeċitu. Fir-rikors maħluf, ma jġibx raġuni l-għala l-imsemmi aġir kien abbużiv, illegali u illeċitu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu iżda jilmenta li l-proċeduri penali ma kinux relatati mal-post tax-xogħol; u li tkeċċa mingħajr m'għadda proċeduri dixxiplinarji skont il-ftehim bejn l-MFT u l-MDU. Isostni li għalkemm formalment huwa self-employed, l-MFT huma l-employers tiegħu kemm a tenur tal-liġi (Reg. 15A tal-Liġi Sussidjarja 171.02) kif ukoll tal-imsemmi ftehim.

[4] Sezzjoni "Fatti", t-tielet paragrafu.

**Eċċezzjoni tal-preskrizzjoni:**

Il-pretenzjoni tal-attur hija bbażata fuq *Ftehim fuq il-Livell ta' Servizz* ("il-Ftehim") tat-3 ta' Mejju 2010. Ftehim li sar bejn il-Malta Freeport Terminals Limited ("MFT") u l-Malta Dockers Union ("MDU") għan-nom u in rappreżentanza tal-ħaddiema liċenzjati tal-port, dwar il-kundizzjonijiet ta' xogħol, inkluż is-servizzi mogħtija u l-ħlas, tal-istess ħaddiema. Għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bbażata fuq l-Art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili mhix applikabbli għaliex tirreferi għal ħsarat delittwali mhux ikkaġunati b'reat, u mhux għal danni kuntrattwali, kif pretiż fir-rikors promutur.

**Eċċezzjonijiet ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva:**

L-MFT wieġbet b'mod ġeneriku fir-risposta maħlufa li mhix leġittimu kontradittur u li fi kwalunkwe każ dejjem ottemperat ruħha mal-liġi u mal-ftehim imsemmi. Fin-nota ta' sottomissjonijiet saħqet li l-ftehim imsemmi jorbot biss lill-ħaddiema liċenzjati tax-xatt. Tishaq li minkejja li l-ftehim jipprovdi li l-MFT tista' tħaddem ħaddiema awżiljarji skont kif ikun miftihem mal-MDU, dan qatt ma daħal fis-seħħ għaliex l-MDU żammithom taħt il-kappa tagħha; tant hu hekk li l-payroll tagħmilhom l-MDU wara li TM tgħaddilha l-informazzjoni dwar attendenza. L-attur ma jitħallasx mill-MFT. L-auxiliary workers jitħallsu b'rati differenti minn dawk tal-ħaddiema liċenzjati.

TM ukoll wieġbet, fir-risposta maħlufa, li mhix leġittimu kontradittur. L-attur, bħala auxiliary worker, la kien liċenzjat minnha, la rreġistrat magħha u lanqas impjegat tagħha. Skont ir-Reg. 15A imsemmi, kien impjegat mal-MFT skont l-imsemmi ftehim. Ma kellhiex x'taqsam mal-

operat tal-Freeport. [5] L-uffiċjali tal-MDU ikkonfermaw li l-Awtorita` m'għandhiex x'taqsam mal-ħaddiema awżiljarji.[6]

L-MDU ukoll eċċepiet b'mod ġeneriku li mhix leġittimu kontradittur; u li ma kkawżat l-ebda dannu lill-attur, kif ukoll li t-talbiet mhumiex diretti kontriha. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, sostniet li l-ftehim imsemmi japplika biss għall-ħaddiema liċenzjati tax-xatt u mhux ukoll għall-ħaddiema awżiljarji (para 29) u għalhekk it-teħid ta' proċeduri dixxiplinarji kienu fid-diskrezzjoni assoluta tal-MFT (para. 30).

Il-Qorti ma ssibx li TM hija leġittimu kontradittur għat-talbiet tal-attur. L-attur, bħala ħaddiem awżiljarju, la kien liċenzjat minnha, la rreġistrat magħha u lanqas impjegat tagħha. Ma kellhiex x'taqsam mal-operat tal-Freeport. Għalhekk ma kien hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-attur u TM fir-rigward tat-talbiet tiegħu.

Min-naħa l-oħra ma jistax jingħad li l-MFT u l-MDU mhumiex leġittimi kontradittturi għall-allegazzjonijiet tal-attur, billi dawn kienu parti fil-Ftehim li permezz tiegħu kien jaħdem fil-Freeport, u li permezz tiegħu l-MDU kienet tibagħtu għax-xogħol u l-MFT kienet tħaddmu fis-sit tagħha, sakemm ġie mwaqqaf. Naturalment dan ma jfissirx li b'daqshekk kisru xi obbligazzjonijiet li kellhom lejh, jew li kkawżawlu xi ħsara. Ifisser biss li huma suġġetti idonei biex jilqgħu għat-talbiet tal-attur.

[5] Karmenu Vella a fol 98.
[6] Karmenu Vella a fol 99; Ryan Fava a fol 92.

**Mertu:**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jisħaq li l-MFT hi l-employer tiegħu kemm skont il-liġi kif ukoll skont il-Ftehim. Issa l-liġi; preċiżament tar-Reg. 15A(1) tal-L.S. 171.02 tgħid li meta jkun hemm nuqqas ta' ħaddiema liċenzjati, il-prinċipali tagħhom jistgħu jimpjegaw ħaddiema awżiljarji sakemm ikun hemm qbil dwar dan fi Ftehim. Dak li ma jgħidx l-attur hu li Reg.15A(3) jkompli jgħid li l-ħlas tal-ħaddiema awżiljarji jsir mill-ħaddiema reġistrati – kif jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Karmenu Vella - u Reg. 15A(4) jgħid li l-ħaddiema awżiljarji ma jkunux intitolati għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u benefiċċji li jgawdu l-ħaddiema reġistrati taħt ir-Regolamenti ħlief dawk li jistgħu jiġu speċifikati fi Ftehim. Il-Ftehim *de quo* fil-klawżola 1.1 tiegħu jgħid li l-ħaddiema awżiljarji jiġu mqabbda "skont kif ikun miftihem mal-Union biex jaqdu d-doveri ta' xufiera **u li jiġu regolati skont il-provvedimenti ta' dan il-Ftehim".** [7] Minn dan l-aħħar kliem jidher li l-ħaddiema awżiljari huma ntitolati għall-istess kundizzjonijiet tax-xogħol inklużi ħlasijiet bħall-ħaddiema liċenzjati.

B'danakollu, għalkemm il-Ftehim sar bejn l-MFT u l-MDU, u l-attur kien membru tal-MDU, f'dan il-Ftehim l-MDU ma kkuntrattatx f'isem l-*auxiliary workers* bħalma kien l-attur, iżda biss f'isem il-ħaddiema liċenzjati tax-xatt. Għalhekk l-attur ma kienx parti f'dan il-Ftehim.

Iqum il-kweżit – mhux imqanqal mill-partijiet, imma li xorta waħda jaqa' fil-parametri tal-premessi u t-talbiet tar-rikors promotur - jekk dan il-ftehim jistax xorta waħda ikun ta' benefiċċju għall-attur. Skont Art. 1000

[7] l-enfasi hi magħmula mill-Qorti.

tal-Kodiċi Ċivili, wieħed jista' jikkuntratta għall-vantaġġ ta' terza persuna, meta dan ikun il-mod jew il-kondizzjoni ta' patt li jagħmel għalih innifsu, inkella ta' konċessjoni magħmula minnu lil ħaddieħor; u l-persuna li tagħmel dan il-patt ma tistax tħassru jekk dik it-terza persuna tkun iddikjarat li trid tinqeda bih. Il-Qorti ssib li a tenur tal-imsemmija disposizzjoni tal-Kodiċi Ċivili, il-Ftehim jista' jestendi l-effetti tiegħu a favur tal-attur għaliex magħmul bħala kundizzjoni tal-patt magħmul bejn il-partijiet u ċjoe' sabiex jassikuraw li jkun hemm biżżejjed ħaddiema biex jilqgħu l-ħtiġijiet tal-Freeport.

Jirriżulta li l-ħaddiema awżiljarji kienu jiġu mibgħutin jaħdmu fil-Freeport skont il-bżonn; iżda mhux bl-istess ħlas u kundizzjonijiet oħra tal-ħaddiema rreġistrati. Li jfisser li l-patt li l-ħaddiema awżiljarji jitħaddmu bl-istess kundizzjonijiet qatt ma ġie mwettaq; kien *a dead letter*; fi kliem ieħor il-partijiet irrinunzjaw għalih. Li jfisser li l-attur ma setax, wara din ir-rinunzja, jinqeda bil-Ftehim u partikolarment bil-parti tiegħu li tistabbilixxi proċedura ta' dixxiplina biex seta' jitwaqqaf mix-xogħol, inkella li jillimita t-tip ta' delitt li kien iwassal għal tali twaqqif. Għall-attur, il-Ftehim jibqa' *res inter alios acta.*

Jirriżulta li għalkemm il-Ftehim hu relatat għall-ħaddiema liċenzjati, kien hemm arranġament bil-fomm[8] li dwar dixxiplina titħaddem l-istess proċedura.[9] Dan iżda kien arranġament informali u ma jagħti l-ebda dritt lill-attur. Ankorke huwa hekk il-każ, id-dritt imur lil hinn mill-parametri tal-premessi u t-talbiet tar-rikors promotur li huma ankrati fil-Ftehim.

---

[8] Ryan Fava a fol 91.
[9] Inġinier Ryan Fava a fol 174, 185.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi l-Qorti:

(1) Tillibera lil Transport Malta mill-osservanza tal-ġudizzju.

(2) Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artiklu 2153 tal-Kodiċi Ċivili mqanqla mill-Malta Freeport Terminals Limited.

(3) Tiċħad it-talbiet tal-attur.

Spejjeż ta' Transport Malta u l-Malta Dockers Union a kariku tal-Malta Freeport Terminals Limited filwaqt li l-bqija huma a kariku tal-attur.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA